7.4 Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi jew li huma Uffiċjali Pubbliċi (skont kif applikabbli), aċċessibbli mill-*website* tar-*Resourcing Directorate* fl-indirizz: (http://www.mpo.gov.mt/downloads.html).

8.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dawn il-pożizzjonijiet.

8.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu

which should either be attached to the application or sent separately to the receving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibiility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or Foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta college of Arts, Science and Technology, institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

7.4 On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public or pubic officers, as applicable, accessible from the Resourcing Directorate website at address: (http://www.mpo.gov.mt/downloads.html).

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the positions.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.3 The result of the interviews will be exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to

sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand it-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, VLT2000.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, VLT2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Jannar 2011.

12. Skont ir-*Retention Policy* ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi umani fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-applikazzjonijiet ta' dawk l-applikanti li jinħatru fil-pożizzjonijiet marbuta ma' din is-sejħa jibqgħu jinżammu sakemm huma jagħlqu 75 sena. Il-bqija tal-applikazzjonijiet jibqgħu jinżammu għall-perjodu mitlub mir-regolamenti tal-programm/i tal-Unjoni Ewropea li għalihom qiegħda tinħareġ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il Ġimgħa, l-14 ta' Jannar 2011 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formula tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa +365 2125 1356.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Divizjoni.

be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette of the issue of the result.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the positions.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from Human Resources Section, Department of Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta VLT2000.

11. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta VLT2000, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 14th January 2011.

12. In accordance with the Retention Policy of HR Documents in the Malta Public Service, applications for these positions shall be retained until age 75 in the case of the appointed persons. All other applications will be retained for the period stipulated in the regulations governing the EU programme/s for which this call is issued.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 14th January 2011 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta VLT2000, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Economy and Investment is +356 2125 1356.


14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledge in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment within seven (7) days.

Il-21 ta' Diċembru, 2010

21st December, 2010



Programmi Operattivi I u II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Dawn il-pożizzjonijiet qed jiġu kkunsidrati sabiex jiġu parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE (70% FEŻR, 30% FSE); 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Operational Programmes I and II – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
These positions are being considered to be part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF) and European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds (70%ERDF, 30% ESF); 15% National Funds
Investing in your future

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Occupational Therapist*
fid-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti
fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Occupational Therapist* fid-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku (www.education.gov.mt).

3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provista ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizazzjoni u awtonomija.

4.1 Fis-sena 2011 is-salarju ta' *Occupational Therapist* għandu se jkun ta' €13,870 fis-sena, li jiżdied b'€354.00 fis-sena sa massimu ta' €15,994 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* tiġi promossa fil-grad

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Occupational Therapist
in the Department of Student Services within
the Directorate for Educational Services (DES)

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the post of Occupational Therapist in the Department of Student Services within the Directorate for Educational Services (DES).

2. The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on (www.education.gov.mt).

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

4.1 In 2011 the salary for the post of Occupational Therapist will be €13,870 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €15,994 (Salary Scale 12). A person in the grade of Occupational Therapist

ta' *Occupational Therapist* Anzjan fi Skala ta' Salarju 10, b'salarju ta' €15,729 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,175 wara ħames snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

4.2 Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* li għandha *degree* rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, fl-*Occupational Therapy*, titqiegħed fi Skala ta' Salarju 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skont liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata titla' għal Skala ta' Salarju 9 b'salarju ta' €16,751 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €19,435 meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Occupational Therapist* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

4.3 Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-benefiċċji/konċessjonijiet applikabbli oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

5. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* (ħinijiet tal-uffiċċju) u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* jinkludu:

a) l-immaniġġar indipendenti ta' każijiet ta' studenti li għandhom bżonnijiet individwali fl-edukazzjoni, attivitajiet *extra* kurrikulari u kura personali;

b) l-assessjar tal-andament funzjonali sabiex jiġu ppjanati u mmaniġġati interventi individwali fl-iskola bl-involviment tal-edukaturi, *Learning Support Assistants*, edukaturi oħra u l-familji;

ċ) li tagħmel parti minn tim ta' professjonisti li jagħmlu l-assessjar u rakkomandazzjonijiet tat-teknoloġija assistiva;

d) li tagħti pariri u taħdem id f'id mal-ġenituri u l-għalliema dwar bidliet jew modifiki fl-aspett fiżiku, sensorjali, konjittiv u l-ambjent soċjali tal-istudent kif suppost;

e) li toffri programmi wara l-ħin tal-iskola individwalment u fi gruppi għal studenti li jibbenifikaw minn interventi

will be promoted to the grade of Senior Occupational Therapist in Salary Scale 10 with a salary of €15,729 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €18,175 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

4.2 An Occupational Therapist in possession of a recognised degree, or a recognised comparable qualification, in Occupational Therapy will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Occupational Therapist will progress to Salary Scale 9 with a salary of €16,751 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €19,435 on completion of two years service as graduate Occupational Therapist. A graduate Occupational Therapist will be promoted to Senior Occupational Therapist on completion of two years service in the grade of Occupational Therapist, subject to satisfactory performance.

4.3 The selected candidate will be entitled to such other applicable benefits/allowances and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

5. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis (office hours) and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

6. The duties of an Occupational Therapist include:

a) independently managing a case load of children with needs in areas of education, leisure and self-care;

b) assessing the occupational performance (functional) needs of children and plan and manage child centred interventions within the school setting, involving families, teachers, learning support assistants and other educators in the therapy process where appropriate;

c) forming part of a collaborative team in the assessment, intervention and implementation of Assistive Technology;

d) offering advice and liaising closely with parents and educators on changes and adaptations to the physical, sensory, learning and social environments involving the child in the process as appropriate;

e) offering after school therapeutic programmes individually or in groups to children needing more intensive

intensivi billi jinkorporaw it-terapija bħala sistema integrali mill-qasam edukattiv;

f) li żżomm u tottimizza l-abbiltajiet funzjonali u indipendenti tal-istudent sabiex tipprovdi għajnuna u sapport lill-istudenti, lill-familji tagħhom u l-edukaturi fl-iskola billi tgħallem u tagħti dimostrazzjonijiet tal-apparat filwaqt li jingħataw attivitajiet magħżula u gradati skont il-bżonn tal-istudent;

g) dokumentar, immonitorjar u evalwar ta' interventi flimkien ma' assessjar ta' rapporti ta' progress tal-individwu li ġie riferut għas-servizz skont proċeduri mitluba mid-Dipartiment ta' Servizzi għall-Istudenti;

h) preparazzjoni ta' rapporti bil-miktub ta' evalwazzjonijiet u interventi b'konnessjoni mal-*Occupational Therapy* kif ukoll bżonnijiet dettaljati u individwali f'forma ta' rapporti għal waqt L-IEPs;

i) kollaborazzjoni mal-ko-ordinaturi, *Learning Support Assistants* u staff edukattiv fejn jirrigwardaw il-bżonnijiet tal-istudent kif ukoll intervent f'waqtu fuq prinċipji msejsa tal-*Occupational Therapy*;

j) organizzar ta' sessjonijiet ta' taħriġ mal-istaff edukattiv fuq strateġiji terapewtiċi li jistgħu jgħinu lit-tfal ikollhom suċċess fil-klassi bl-iskop li jsiru kemm jista' jkun indipendenti, biex titnaqqas il-ħtieġa ta' għajnuna individwali kontinwa;

k) li tagħti servizz meħtieġ skont l-eżiġenzi tad-Dipartiment ta' Servizzi għall-Istudenti u d-Direttur Ġeneral DSE skont kif inhu relatat għal dan il-post;

l) li twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar il-*job description* jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' Servizzi għall-Istudenti fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi

7. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a) (i) ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE fuq il-moviment liberu

intervention hence incorporating therapy as an integral part of education;

f) maintaining/optimising the child's functional ability and independence to provide help and advice to children, their families and educators in school by teaching and demonstrating use of equipment and employing specific, selected and graded activities;

g) documenting, monitoring and evaluating intervention and providing assessment as well as progress reports on children referred to the service as stipulated by the Department of Student Services;

h) preparing written reports of Occupational Therapy evaluation and intervention as well as detailed reports of Occupational Therapy needs in relation to education that may be used for children's individual educational plans (IEPs);

i) liaising with Co-ordinators, Learning Support Assistants and other educational staff regarding a child's needs and appropriate intervention within the occupational therapy framework;

j) conducting training sessions with educational staff on therapeutic strategies that can help the child succeed better in the classroom hence minimising the need for continuous individual support;

k) performing other duties assigned from time to time as requested by the Department of Student Services and the Director General DES as related to this post;

l) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Department of Student Services within the DES.

7. By the closing time and date of this call for applications applicants must be:

a) (i) citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of

ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin);

JEW

(iv) ikun il-konjugi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġiżlazzjoni kurrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tal-impjiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Occupational Therapists* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat sħiħ riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li għandhom eperjenza u/jew kwalifiki fil-qasam tal-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali.

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu igawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal- *Public Administration HR Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-

difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) in possession of a certificate of registration as Occupational Therapist with the Council for Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent Full Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

Due consideration will be given to applicants who have experience and/or qualifications related to Inclusive and Special Education.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of the previous clause should be attached to the application form and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is

korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluži kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.1 Bord tal-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi.

10.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

10.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi

to be addressed to the Directorate and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

10.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate for Educational Services.

10.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to

lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, b'kopja mibgħuta lil-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jintbaghtu lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u lill-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-format tal-*European Curriculum Vitae* jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.education.gov.mt
http://europass.cedefop.europa.eu
http://www.recruitment.gov.mt

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jridu jintbagħtu lil-*Customer Care Unit*, L-Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Jannar 2011.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Jannar 2011, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand it-Taqsima tal-*Customer Care*, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356 2122 5630).

15.1 Tingħata irċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

15.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. It-Taqsima tal-*Customer Care*, il-Furjana jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Rabat, Għawdex jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Diċembru, 2010

be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt
http://europass.cedefop.europa.eu
http://www.recruitment.gov.mt

or obtained from the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana or from the Education Office, Victoria, Gozo.

13. Applications and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 14th January 2011.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 14th January, 2011 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Section, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356 2122 5630).

15.1 A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

15.2 Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section, Floriana or the Education Office, Victoria, Gozo within seven days.

21st December, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *General Practitioner* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *General Practitioner* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *General Practitioner* għandu salarju ta' €20,411 fis-sena li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €23,989 (Skala ta' Salarju 6) għas-sena 2011.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skont *roster* stabbilit li jinkludi *night duty.* Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skont il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbghin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt is-*Senior Medical Officer* jew il-*Principal Medical Officer* inkarigat miċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-aħħarnett taħt id-Direttur tal-*Primary Health Care*.

Id-dmirijiet tal-persuna nominata jinkludu li:

a) tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti li jmorru fiċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-ispiżeriji tal-Gvern;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of General Practitioner in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified medical practitioners for the posts of General Practitioner in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of General Practitioner carries a salary of €20,411 per annum rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €23,989 (Salary Scale 6) for 2011.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the Senior Medical Officer or Principal Medical Officer in charge of the Health Centres and ultimately to the Director of Primary Health Care.

The duties of the appointee include:

a) seeing to the needs of patients calling at the Health Centres and Government dispensaries;

b) iżżur lill-pazjenti f'darhom meta jkun meħtieġ;

ċ) tara lill-pazjenti fil-kliniċi tal-ispeċjalisti fiċ-Ċentri tas-Saħħa;

d) iżżomm *records* kliniċi bir-reqqa tal-pazjenti u ta' kull informazzjoni oħra mitluba mill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità;

e) tassigura l-użu xieraq tar-riżorsi u l-faċilitajiet li jkunu disponibbli għaliha;

f) tieħu sehem regolarment fi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu;

g) tagħmel xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-*Primary Health Care* kif jinħtieġ;

h) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

i) il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Tekonologija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tuża t-trasport tagħha fuq xogħol uffiċjali fuq bażi ta' ħlas lura bir-rata approvata kull darba li tkun taħdem jew tintbagħat fuq qadi tas-Servizz ta' *General Practitioners*, ħlief fil-każ li tiġi eżentata minn dan l-obbligu għal raġunijiet validi mid-Direttur, *Primary Health Care*.

7.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq,

b) visiting patients in their home when a home visit is requested;

c) seeing patients in specialist clinics within the Health Centres;

d) keeping accurate clinical records on patients and recording any other information requested by the Ministry for Health, the Elderly and Community Care;

e) ensuring proper use of resources and facilities made available to him/her;

f) participating regularly in programmes of continuing professional development;

g) performing any other primary health care duties as required;

h) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

i) the appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation at the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

6. The appointee will be required to use his/her own transport on official business on a reimbursement basis at the approved rate whenever he/she is engaged or deployed in the General Practitioner service, unless for a good reason exempted by the Director, Primary Health Care.

7.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above,

sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f' Malta;

d) (i) ikunu *Medical Officers (General Practice)* fi skala ta' salarju 7 li għandhom *Certificate of Completion of Training* fil-*General Practice* maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee;*

JEW

(ii) ikunu *Medical Practitioners* li isimhom jidher fil-*Family Medicine Specialist Register* miżmum mill-*Medical Council;*

JEW

(iii) ikollhom *Certificate of Completion of Training* fil-*General Practice;*

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza *ta' Continued Medical Education* u ta' Riċerka.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) (i) be Medical Officers (General Practice) in salary scale 7 in possession of the Certificate of Completion of Training in General Practice awarded by the Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) be Medical Practitioners whose name is entered in the Family Medicine Specialist Register kept by the Medical Council;

OR

(iii) be in possession of the certificate of completion of training in General Practice;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

7.2 Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education or Research.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħab'dokumentirelevantilijinkluduevidenzadokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry forf Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry for Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt . Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organizations.

10.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkuppjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqgħodu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Jannar 2011.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Jannar 2011 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l- Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Diċembru, 2010

10.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

13. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 14th January 2011.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 14th January 2011 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) are +356 – 2122 6285 and +356 - 2123 5890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) within seven days.

21st December, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ ta' *Supply Teachers* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tgħarraf li d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) qiegħed fil-proċess li jħejji lista ta' riserva ta' *Supply Teachers* prospettivi, għal meta tinħoloq il-ħtieġa, biex jgħallmu f'Malta u/jew f'Għawdex għal żmien definit fuq bażi temporanja (*full-time* jew *part-time)* skont il-ħtieġa.

1.2 Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku (www.education.gov.mt).

1.3 Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

1.4 Kull offerta ta' ingaġġ hija ta' natura għal kollox temporanja u hu ggvernat minn *Memorandum of Understanding* bejn il-Gvern Malti u l-*Malta Union of Teachers* iffirmat fit-26 ta' Mejju 2009.

1.5 Il-funzjoni ta' *Supply Teacher* tinkludi li:

tgħallem u teduka studenti skont linji gwida pprovduti fil-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida totali tal-awtorità edukattiva kompetenti;

tgħallem u teduka studenti skont in-neċessitajiet edukattivi, l-abbilitajiet u l-potenzjal ta' suċċess tal-istudenti individwali li jkunu fdati lilha mill-Kap tal-Iskola;

taqdi d-dmirijiet ta' *Supply Teacher* kif inhu stipulat fil-*Job Description Handbook* mehmuż mal-"*Agreement between the Goverment of Malta and the Malta Union of Teachers to facilitate the implementation of an education reform process For ALL Children to Suceed*" iffirmat fis-17 ta' Lulju 2007, li tista' tara mis-sit (http: www.education.gov.mt/agreements.htm);

iżżomm ruħha informata sew fl-iżviluppi kollha li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi provduti mid-DSE;

twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement of Supply Teachers within the Directorate for Educational Services (DES)

** In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission notifies that the Directorate for Educational Services (DES) is in the process of compiling a reserve list of prospective Supply Teachers to teach in Malta and/or Gozo for a definite period on a temporary (full or part-time) basis as and when required.

1.2 The function of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on (www.education.gov.mt).

1.3 The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and Schools within an established framework of decentralization and autonomy.

1.4 Any offer of engagement is of an entirely temporary nature and is governed by the Memorandum of Understanding between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers signed on the 26th of May 2009.

1.5 The overall functions of a Supply Teacher shall include:

teaching and educating students according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority;

teaching and educating students according to the educational needs, abilities and attainment potential of individual students entrusted to his/her care by the Head of School;

performing the following duties of Supply Teacher stipulated in the Job Descriptions Handbook, annexed to the "Agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers to facilitate the implementation of an education reform process For All Children to Succeed" signed on the 17th July 2007, which can be accessed on (http: www.education.gov.mt/agreements.htm);

keeping himself/herself well informed of all developments connected with the services provided by the DES/DQSE;

any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

Il-kandidati magħżula huma mistennija li jaqdu d-dmirijiet tagħhom bl-aħjar mod, b'diliġenza u bl-aħjar abbiltà, u jaġixxu f'kull rispett skont l-istruzzjonijiet u/jew direttivi mogħtija lilhom miż-żewġ Direttorati, mill-Prinċipal tal- Kulleġġ u mill-Kap ta' Skola.

The selected candidate is expected to carry out his/her duties in utmost good faith, with due diligence and to the best of his/her abilities and he/she shall act in all respects according to the instructions and/or directives given to him/her by the Education Directorates, College Principal, and Head of School.

1.6 *Supply Teachers* huma obbligati li jsegwu korsijiet ta' żvilupp professjonali, programmi ta' taħriġ *in-service* u/jew kors ta' induzzjoni, skont ir-rwol u l-funzjonijiet tagħhom kif indikat miż-żewġ Direttorati, mill-Prinċipal ta' Kulleġġ jew mill-Kap ta' Skola.

1.6 Supply Teachers are required to follow professional development courses (CDP), in-service training programmes and/or an induction course as appropriate to their role and functions, as indicated by the Educational Directorates, College Principal or Head of School.

1.7 *Supply Teachers* għandhom jadottaw u jimplimentaw il-pjan ta' żvilupp tal-iskola jew skejjel fejn qed jagħtu servizz.

1.7 Supply Teachers shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school or schools they are giving service in.

1.8 *Supply Teachers* jistgħu jiġu assenjati biex iservu fi kwalunkwe Kulleġġ, skola, *resource centre*, jew istituzzjoni edukattiva fejn anke tinkludi li jservu f'aktar minn skola/ċentru/istituzzjoni waħda, f'Malta u f'Għawdex. Id-Direttur Ġenerali DSE, għandha d-dritt li ċċaqlaq il-kandidati magħżula minn Kulleġġ/skola, ċentru/istituzzjoni għall-oħra skont l-esiġenzi tad-DSE, inkluż fuq bażi *shared*.

1.8 Supply Teachers may be assigned to serve in any College, school, resource centre or educational institution including serving in more than one school/centre/institution, in Malta and Gozo. The Director General DES, reserves the right to deploy selected candidates from one College/school/centre/institution to another according to the exigencies of the DES, including on a shared basis.

1.9 Il-ġranet tal-iskola, il-ħinijiet tal-iskola u l-vakanzi tal-iskola jkunu stabbiliti skont il-Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Malta Union of Teachers* "*to further facilitate the implementation of an education reform process For All Children to Suceed*" iffirmat fit-23 ta' Awwissu 2010.

1.9 School days, school hours and school holidays shall be as established in the "Agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers to further facilitate the implementation of an education reform process For All Children to Succeed" signed on the 23rd August 2010.

Setturi u suġġetti/oqsma fejn tista' tapplika

Sectors and subjects/areas applicants may wish to apply for

2.1 Fis-settur tal-Iskejjel Primarji;

2.1 Primary Schools Sector;

2.2 Fis-Settur tar-*Resource Centres (Special Schools*), Edukazzjoni Speċjali, u/ jew *Learning Support Centres*

2.2 Resource Centres (special schools) Sector, Special Education, and/or Learning Support Centres;

2.3 F'dawn is-suġġetti fis-Settur tar-*Resource Centres*;

2.3 The following subjects in the Resource Centres Sector:

Home Economics
Information Communication Technology (*ICT*)
Design and Technology (Resistant Materials and Electronics)
Xjenza Integrata

Home Economics
Information Communication Technology (ICT)
Design and Technology (Resistant Materials and Electronics)
Integrated Science

L-applikanti li japplikaw għal xi wieħed mill-erba' suġġetti msemmija hawn fuq jistgħu, jekk jintgħażlu, jitpoġġew fi kwalunkwe Kulleġġ, skola, ċentru skont l-esiġenzi tad-DSE/DKSE.

Applicants applying for any of the four subjects mentioned above, may if selected, be posted in any College, school, centre according to the exigencies of the DES/DQSE.

2.4 fis-suġġetti li ġejjin fis-Settur tal-iskejjel tal-Primarji, Sekondarji jew Post-Sekondarji:

2.4 The following subjects in the Primary, Secondary or Post-Secondary Schools Sector:

Arti
Mużika
Physical Education

Art
Music
Physical Education

L-applikant li japplikaw għal kwalunkwe mit-tliet suġġetti msemmija hawn fuq jistgħu jekk jintgħażlu jitpoġġew fi kwalunkwe mit-tliet (3) setturi msemmija fil-paragrafu 2 skont l-esiġenzi tad-DSE/DKSE.

2.5 fis-suġġetti li ġejjin fis-Settur tal-iskejjel Sekondarji jew Post-Sekondarji:

Accounts u/jew *Business Studies*
Bijoloġija u/jew Xjenza Integrata
Business Studies
Computer Studies u/jew *Computing* u/jew *Information Technology* u/jew *Information and Communication Technology*
Design and Technology – Resistant Materials and Electronics
Design and Technology – Food and Textiles Technology
Ekonomija u/jew Business Studies
Engineering Drawing /Computer Aided Design (CAD)
Environmental Science
Filosofija
Fiżika u/jew Xjenza Integrata
Franċiż
Ġermaniż
Għarbi
Ġografija
Graphical Communication
Home Economics
Information and Communication Technology
Ingliż
Kimika u/jew Xjenza Integrata
Malti
Matematika
Marketing
Personal and Social Development
Reliġjon
Soċjoloġija
Spanjol
Storja
Studji Ewropej
Studji Soċjali
Systems of Knowledge
Taljan
Xjenza Integrata

2.5.1 Il-kandidati magħżula fil-Bijoloġija, fil-Kimika, jew fil-Fiżika jistgħu jkunu mitluba li jgħallmu wkoll ix-Xjenza Integrata skont l-esiġenzi tad-DSE/DKSE;

2.5.2 Il-kandidati magħżula fl-Ekonomija u fl-*Accounts* jistgħu jkunu mitluba li jgħallmu wkoll il-*Business Studies* skont l-esiġenzi tad-DSE/DKSE;

2.5.3 Il-kandidati magħżula fil-*Computer Studies* u/jew fil-*Computing* u/jew fl-*Information Technology* jistgħu jkunu mitluba li jgħallmu wkoll l-*Information and Communication Technology* skont l-esiġenzi tad-DSE/DKSE.

Applicants applying for any of the three subjects mentioned above, may if chosen, be posted to any of the three (3) sectors mentioned in 2 according to the exigencies of the DES/DQSE.

2.5 The following subjects in the Secondary/Post-Secondary Schools Sector:

Arabic
Accounts and/or Business Studies
Biology and/or Integrated Science
Business Studies
Computer Studies and/or Computing and/or Information Technology and/or Information and Communication Technology
Chemistry and/or Integrated Science
Design and Technology – Resistant Materials and Electronics
Design and Technology – Food and Textiles Technology
Economics and/or Business Studies
Engineering Drawing/Computer Aided Design (CAD)
English
Environmental Science
European Studies
French
Geography
German
Graphical Communication
History
Home Economics
Italian
Information and Communication Technology
Integrated Science
Maltese
Marketing
Mathematics
Personal and Social Development
Philosophy
Physics and/or Integrated Science
Religion
Sociology
Social Studies
Spanish
Systems of Knowledge

2.5.1 Selected candidates for Biology, Chemistry or Physics may be required to teach Integrated Science according to the exigencies of the DES/DQSE;

2.5.2 Selected candidates for Economics and Accounts may be required to teach Business Studies according to the exigencies of the DES/DQSE;

2.5.3 Selected candidates for Computer Studies and/or Computing and/or Information Technology may be required to teach Information and Communication Technology according to the exigencies of the DES/DQSE;

Kriterji ta' eliġibbiltà komuni għas-setturi u suġġetti/oqsma kollha

3.1 L-applikanti għandhom ikunu:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); JEW

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) hawn fuq tkun soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (l-applikanti li jintgħażlu jkunu meħtieġa li jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta dettaljat (Fedina Penali) maħruġ mill-Pulizija mhux aktar kmieni minn tliet (3) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u l-ingaġġ tagħhom tkun soġġetta li jkollhom kondotta kriminali nadifa;

(d) (i) ikunu fil-pussess ta', jew ikunu ġew approvati biex jingħataw, Grad ta' Baċċellerat fl-Edukazzjoni (Hons), jew *First Degree* u Ċertifikat *post-Graduate* fl-Edukazzjoni, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli. Dawn l-applikanti jridu jkunu eliġibbli għall-*Warrant* Permanenti;

(ii) F'każ li ma jkunx hemm applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 3.1 (d) (i) hawn fuq u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għal applikanti fil-pussess ta', jew li jkunu ġew approvati biex jingħataw, *first degree* relatata flimkien ma' *Master's degree* relatat, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli. Dawn l-applikanti jridu jkunu eliġibbli għall-*Warrant* Permanenti;

(iii) F'każ li ma jkunx hemm applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 3.1 (d) (ii) hawn fuq u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għal applikanti li jkunu fil-pussess , jew ikunu ġew approvati

Eligibility requirements common to all sectors and subjects/areas:

3.1 Applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; OR

(ii) citizens of another EU member state; OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which the EU provisions apply); OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i),(ii) and (ii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) of good moral character. Selected candidates will be required to produce a full detailed Police Criminal Record (Subject Access Request) issued by the Police not earlier than three (3) months from the date of publication of the results by the Public Service Commission and their engagement will be subject to the possession of a clean criminal record;

(d) (i) in possession, or have been approved for the award, of a Bachelor of Education (Hons), or a First Degree and a Post-Graduate Certificate in Education, or a recognised appropriate comparable qualification. Such applicants would need to be eligible for a Permanent Warrant;

(ii) in the absence of applications from eligible applicants according to 3.1 (d) (i) above and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession, or have been approved for the award, of a related first degree in addition to a related Master's degree, or a recognised appropriate comparable qualification. Such applicants would need to be eligible for a Permanent Warrant;

(iii) in the absence of applications from eligible applicants according to 3.1 (d) (ii) and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession, or have been approved for

biex jingħataw, ta' *first degree* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, jew kwalifika ogħla rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(iv) F'każ li ma jkunx hemm applikanti eliġibbli skont il-paragrafu 3.1 (d) (iii) hawn fuq u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għal applikanti kwalifikati f'mhux anqas minn żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola (minimu Grad E), jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u *passes* fil-Livell Ordinarju *Secondary Education Certificate* (Grad 1-5), jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, fil-Lingwa Ingliża, fil-Lingwa Maltija u fil-Matematika.

Applikanti li japplikaw skont il-klawsola 3.1 (d) biex jgħallmu suġġett imsemmi f'paragrafi 2.3, 2.4, u 2.5, irid ikollhom livell Avvanzat (minimu ta' Grad E), jew kwalifika relatata rikonoxxuta xierqa komparabbli, jew ogħla, fis-suġġett li jixtiequ jgħallmu.

3.2 L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla, jekk u meta jkun hemm ħtieġa fis-suġġetti/setturi/oqsma msemmija fil-paragrafu 2. Il-kandidati li jgħaddu li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 3.1 (d) (i) jingħataw preferenza fuq kandidati li jgħaddu li applikaw skont it-termini ta' paragrafu 3.1 (d) (ii) u dawn jingħataw preferenza, fuq kandidati li jgħaddu li applikaw skont it-termini tal-paragrafu 3.1 (d) (iii) eċċ. u għalhekk, l-applikanti li japplikaw taħt paragrafu 3.1d (ii), (iii) u (iv) jiġu kkunsidrati meta l-ordni ta' meritu tal-applikanti li jgħaddu taħt il-paragrafu ta' qabilhom tkun ġiet użata kollha, u sakemm ikun għad baqa' vakanza.

3.3 Għalhekk jiġu ppubblikati separatament listi diversi skont l-ordni ta' mertu relatat mas-suġġett/settur/qasam imsemmija fil-klawsola 2 u skont paragrafu 3.1 (d) u 3.2.

3.4 (a) Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi.

(b) Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq (http://www.psc.gov.mt).

3.5 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, ikkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn ikun hemm il-vakanza battala. Il-petizzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni u l-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

the award, of a first degree or a recognised appropriate comparable qualification , or a higher recognised appropriate comparable qualification;

(iv) in the absence of applications from eligible applicants according to 3.1 (d) (iii) and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants qualified in not less than 2 subjects at Advanced Matriculation Level (minimum grade E), or a recognised appropriate comparable qualification, and passes at Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1-5), or a recognised appropriate comparable qualification, in English Language, Maltese and Mathematics.

Applicants applying under clause 3.1 (d) to teach a subject mentioned in paragraph 2.3, 2.4 and 2.5, need to have an Advanced Matriculation Level (minimum grade E), or a related recognised comparable qualification ,or higher, in the subject they wish to teach.

3.2 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board if and when vacancies arise in the subjects/sectors/areas mentioned in paragraph 2. Successful candidates who apply in terms of paragraph 3.1 (d) (i) will be given preference over successful candidates who apply in terms of paragraph 3.1 (d) (ii) and these will, in turn, be given preference over successful applicants who apply in terms of paragraph 3.1 (d) (iii) and so forth and hence, applicants applying under paragraph 3.1d (ii), (iii) and (iv) will be considered once the order of merit of applicants in their preceding paragraph have been exhausted and if vacancies still exist.

3.3 Consequently, separate results lists will be published according to the order of merit pertaining to the sector/subject/area mentioned in clause 2, and in accordance with paragraphs 3.1 (d) and 3.2.

3.4. (a) The results of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate for Educational Services.

(b) A notification of the issue of the results will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at (http://www.psc.gov.mt).

3.5 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

4. (a) *Supply Teachers* magħżula li jkunu ingaġġati skont paragrafu 3.1 (d) (i) u (ii) jitħallsu skont il-minimu ta' Skala ta' Salarju 9 (€16,690 fl-2010) jekk ikunu qegħdin impjegati fuq bażi *full-time* jew jitħallsu *pro rata* bis-siegħa skont il-minimu ta' Skala ta' Salarju 9 jekk ikunu qegħdin impjegati fuq bażi *part-time*;

4. (a) Selected supply teachers who are recruited in terms of paragraph 3.1 (d) (i) and (ii) will be paid the Minimum of Salary Scale 9(€16,690 in 2010) if working on a full-time basis or a pro rata hourly rate according to the minimum of salary scale 9 if working on a part-time basis;

(b) *Supply Teachers* magħżula li jkunu ingaġġati skont paragrafu 3.1 (d) (iii) jitħallsu skont il-minimu ta' Skala ta' Salarju 10 (€15,668 fl-2010) jekk ikunu qegħdin impjegati fuq bażi *full-time* jew jitħallsu *pro rata* bis-siegħa skont il-minimu ta' Skala ta' Salarju 10 jekk ikunu qegħdin impjegati fuq bażi *part-time*;

(b) selected supply teachers who are recruited in terms of paragraph 3.1 (d) (iii) will be paid the Minimum of Salary Scale 10 (€15,668 in 2010) if working on a full-time basis or a pro rata hourly rate according to the Minimum of Salary Scale 10 if working on a part-time basis;

(ċ) *Supply Teachers* magħżula li jkunu ingaġġati skont paragrafu 3.1 (d) (iv) jitħallsu skont il-minimu ta' Skala ta' Salarju 12 (€13,809 fl-2010) jekk ikunu qegħdin impjegati fuq bażi *full-time* jew jitħallsu pro rata bis-siegħa skont il-minimu ta' Skala ta' Salarju 12 jekk ikunu qegħdin impjegati fuq bażi *part-time*;

(c) selected supply teachers who are recruited in terms of paragraph 3.1 (d) (iv) will be paid the Minimum of Salary Scale 12 (€13,809 in 2010) if working on a full-time basis or a pro rata hourly rate according to the Minimum of Salary Scale 12 if working on a part-time basis.

Il-kandidati magħżula huma wkoll intitolati għall-*bonus* anwali u *l-weekly income supplement* kollu jekk ikunu impjegati fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *pro-rata* skont l-għadd tas-sigħat maħduma jekk ikunu impjegati fuq bażi *part-time*.

Selected supply teachers will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both in full if working on a full-time basis or both on a pro-rata basis according to the number of hours worked if working on a part-time basis.

5.1 L-applikanti għandhom jimlew applikazzjoni għal kull suġġett/settur/qasam li huma interessati japplikaw għalih. Ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti relatati mal-kwalifiki tagħhom għandhom jiġu ppreżentati mill-kandidati waqt l-intervista.

5.1 Applicants are to fill in one (1) application form for every subject/sector/area they wish to apply for. Original certificates and/or testimonials relating to their qualifications are to be produced by the candidate during the interview.

5.2 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

5.2 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, (Photocopies to be included with the application or sent separately to the receiving Directorate, while originals are to be produced for verification at the interview). Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.3 *Degrees* u Ċertifikati maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin iridu jkollhu mehmuż magħhom *transcripts* uffiċjali jew *diploma supplements*.

5.3 Degrees and/or certificates awarded by Maltese or foreign Universities and other tertiary education institutions must be accompanied by official transcripts or diploma supplements.

6. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-Awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-

6. It is the responsibility of applicants in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ Tertiary Education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable,

oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-Awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min naħa tal-*Public Administration HR Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. L-applikanti magħżula jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-impjieg.

9. Applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-31 ta' Mejju 2011. Madankollu, minħabba l-esiġenzi tad-Direttorati Edukattivi, il-Bord ta' Għażla, jikkunsidra l-ewwel applikazzjonijiet milqugħa sal-aħħar ta' nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 14 ta' Jannar 2011. Il-kandidati magħżula jitqiegħdu fuq lista ta'ordni ta' mertu li tibqa' valida sal-aħħar tas-sena skolastika s-6 ta' Lulju 2011.

10. Iżda, jekk il-lista tal-ordni ta' mertu tintuża kollha minħabba vakanzi oħra fis-suġġett/settur/qasam imsemmija f'klawsola 2, applikanti oħra jistgħu jkunu intervistati mingħajr rikors għal sejħa oħra ta' applikazzjoni, sakemm l-applikazzjonijiet ikunu waslu mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentral Ewropew) ta' nhar tat-Tlieta, il-31 ta' Mejju 2011.

11. (i) Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mill-*website*:

which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justification should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Directorate and copied to the NCPD.

8. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for employment.

9. Applications will continue to be received up to noon (Central European Time) of 31st May 2011. However, due to the exigencies of the Educational Directorates, the selection process will initially consider, applications received by the end of Friday, 14th January 2011. Successful candidates in every subject/sector/area will be placed in an order of merit which will remain valid up to the end of school year- 6th July 2011.

10. However, should the order of merit list be exhausted as a result of additional vacancies in the subject/sector/area mentioned in clause 2, other applicants may be interviewed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by noon (Central European Time) of Tuesday, 31st May 2011.

11 (i) Application forms may be downloaded from the following website:

http://www.education.gov.mt/edu/supplyteachers.htm jew jinkisbu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Uffiċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, il-Furjana jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

(ii) L-applikazzjonijiet flimkien ma' sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra miġbura fuq formola apposta għandhom jintbagħtu lit-Taqsima tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 14 ta' Jannar 2011. Applikazzjonijiet jibqgħu jiġu milqugħa wara l-ewwel data tal-għeluq, sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) nhar tat-Tlieta, il-31 ta' Mejju 2011.

12. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati, u t-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat ijiem minn meta jkunu rċivew l-applikazzjoni.

Il-21 ta' Diċembru, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

ESF Project 1.34
Addressig Skills Mismatches
fl-Industrija tal-Manutenzjoni tal-Avjazzjoni

Provvediment ta' Part-Time Lecturing Services

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija qed jagħmel lista ta' *resource persons* li jkunu lesti li jipprovdu servizzi ta' *part-time lecturing*.

L-applikanti għnadhom ikunu kwalifikati u bl-esperjenza f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

Aircraft Maintenance skont EASA IR - Part 66

M1 - Matematika
M2 - Fiżika
M3 - *Electrical Fundamentals*
M4 - *Electronic Fundamentals*
M5 - *Digital Techniques Electronic Instrument Systems*
M6 - Materjali u *Hardware*
M7 - *Mainenance Practices*
M8 - *Basic Aerodynamics*
M9 - *Human Factors*
M10 - Leġiżlazzjoni tal-Avjazzjoni

http://www.education.gov.mt/edu/supply_teachers.htm or obtained from the Customer Care Section, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Great Siege Road, Floriana VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

